MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 243/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Anthony Ellul (ID-324560M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm478.98), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numri 21823079 u 21378004 skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok.A, B, C u D.**
**Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 ta' Mejju, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u sebghin lira Maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm478.98) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-16 ta' Marzu, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------